## 3 ta’ Lulju

## SAN TUMAS, APPOSTLU

## *FESTA*

*Mill-Komun ta’ l-Appostli*

## IS-SEJĦA GĦAT-TIFĦIR ‘L ALLA

V/. Mulej, iftaħli xufftejja.
R/. U fommi jxandar it-tifħir tiegħek.

### Salm 94 (95)

**Ant.** Il-Mulej hu s-sultan ta’ l-Appostli: ejjew nadurawh.

Ejjew, ħa nfaħħru bl-hena l-Mulej,
ħa ngħajjtu bil-ferħ lill-blata tas-salvazzjoni tagħna!
Nersqu quddiemu b'għana ta' radd il-ħajr,
ngħannulu b'għajat ta' ferħ.

**Ant.** Il-Mulej hu s-sultan ta’ l-Appostli: ejjew nadurawh.

Għax Alla kbir hu l-Mulej,
sultan kbir fuq l-allat kollha.
F'idejh huma qigħan l-art,
tiegħu huma qċaċet l-għoljiet.
Tiegħu l-baħar, għax hu għamlu;
tiegħu l-art, għax b'idejh saret.

**Ant.** Il-Mulej hu s-sultan ta’ l-Appostli: ejjew nadurawh.

Ejjew inqimuh u ninxteħtu quddiemu,
għarkubbtejna quddiem il-Mulej li ħalaqna!
Għaliex hu Alla tagħna,
u aħna l-poplu tal-mergħa tiegħu u n-nagħaġ tiegħu.

**Ant.** Il-Mulej hu s-sultan ta’ l-Appostli: ejjew nadurawh.

M'hux li kontu llum tisimgħu leħnu!
"La twebbsux qalbkom bħal f'Meriba,
bħal dakinhar f'Massa, fid-deżert,
meta ġarrbuni u ttantawni missirijietkom,
għalkemm raw dak li jien għamilt.

**Ant.** Il-Mulej hu s-sultan ta' l-Appostli: ejjew nadurawh.

Għal erbgħin sena domt nistmellu dan in-nisel;
u jien għedt: 'Qalbu mħassra dan il-poplu,
u triqati ma jagħrfux.'
Għalhekk ħlift fl-għadab tiegħi:
Ma jidħlux fil-mistrieħ tiegħi!"

**Ant.** Il-Mulej hu s-sultan ta' l-Appostli: ejjew nadurawh.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem,
U jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**Ant.** Il-Mulej hu s-sultan ta' l-Appostli: ejjew nadurawh.

## UFFIĊĊJU TAL-QARI

V/. O Alla, ejja eħlisni.
R/. Mulej, fittex għinni.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem,
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen. Hallelujah.

### INNU

Prinċpijiet li żżejjnu l-qorti
tas-Sultan il-kbir u l-għoli,
Ġesù stess kien li għallimkom
u fid-dinja kollha bagħatkom.

Lilkom ried Appostli tiegħu
gawhriet sbieħ u pedamenti
ta' Ġerusalemm il-ġdida
li l-Ħaruf il-musbieħ tagħha.

Ħajr troddilkom u tfaħħarkom
il-Għarusa tiegħu l-Knisja,
għax bil-kelma tagħkom qamet,
bit-tixrid ta' demmkom tqaddset.

Meta tgħib did-dinja w jinżel
il-Fedddej bi Mħallef tagħha,
kbir ikun il-ġieħ li tiksbu
xħin għall-ħaqq toqogħdu miegħu.

Kunu issa l-qawwa tagħna
bit-talb tagħkom bla ma tieqfu,
biex il-kliem li żrajtu fina
jagħti frott kotran għas-sema.

Ġieħ u sebħ bla tmiem lil Kristu
li ħatarkom messaġġiera
tal-Missier, u sawwab fuqkom

lill-Ispirtu u d-doni tiegħu. Ammen.

## SALMODIJA

Ant. 1: Ma’ l-art kollha jasal leħinhom, mad-dinja kollha jinxtered kliemhom, hallelujah.

### Salm 18 (19)A

Is-smewwiet ixandru l-glorja ta' Alla, *
 għemil idejh tħabbar il-firxa tas-sema.
Jum lil ieħor jagħti l-aħbar, *
lejl lil ieħor iwassal it-tagħrif.

Ma hemmx aħbar u anqas kliem, *
ma hemmx leħen li ma jinstemax.
Ma' l-art kollha jasal leħenhom, *
mad-dinja kollha jixtered kliemhom.

Lix-xemx għamlilha għarix fihom; †
u hi, bħal għarus ħiereġ minn kamartu,
ferħana bħal ġgant għall-ġirja tagħha,
minn truf is-smewwiet hi toħroġ, †
sat-truf l-oħra d-dawran tagħha; *
xejn ma jinħeba mis-sħana tagħha.
Glorja.

Ant. 1: Ma’ l-art kollha jasal leħinhom, mad-dinja kollha jinxtered kliemhom, hallelujah.

Ant.2: Għemil il-Mulej ixandru, u jifhmu sewwa kull ma għamel, hallelujah.

### Salm 63 (64)

Isma', o Alla, leħen it-tnehid tiegħi; *
mill-biża' ta' l-għadu ħarisli ħajti.
Aħbini mill-konfoffa tal-ħżiena, *
mit-tixwix ta' dawk li jagħmlu l-ħażen,
dawk li jsinnu bħal sejf ilsienhom, *
jitfgħu kliem iebes bħal vleġeġ,

biex mill-moħba jolqtu 'l min hu bla ħtija, *
jolqtuh għal għarrieda, bla biża' ta' xejn.

Moħħhom sħiħ fil-ħsieb ħażin tagħhom, †
jiftiehmu kif jonsbu bil-moħbi, *
u jgħidu: "Min se jarana?"
Ifittxu l-ħażen, †
ifasslu pjan maħsub sewwa. *
Min jifhem moħħ u qalb il-bniedem!

Imma Alla bil-vleġeġ jolqothom; *
f'daqqa waħda jimtlew kollhom ġrieħi.
Minħabba lsienhom isiru ħerba; *
kull min jarahom iċaqlaq rasu.
U lkoll jimtlew bil-biża’ ta’ Alla,
għemilu jxandru, *
u jifhmu sewwa kull ma għamel.

Jifraħ il-ġust fil-Mulej u fih jistkenn; *
jiftaħru dawk kollha ta' qalbhom safja.
Glorja.

Ant.2: Għemil il-Mulej ixandru, u jifhmu sewwa kull ma għamel, hallelujah.
Ant. 3: Ixandru l-ġustizzja tiegħu, jaraw il-popli kollha s-sebħ tiegħu, hallelujah.

## Salm 96 (97)

Il-Mulej isaltan! †
Ħa taqbeż l-art bil-ferħ, *
u jifirħu l-ħafna gżejjer!
Sħab u dlam hemm madwaru; *
is-sewwa u l-ħaqq is-sisien tat-tron tiegħu.
In-nar jimxi quddiemu, *
u jeqred madwaru l-għedewwa tiegħu.
Il-beraq tiegħu jdawwal id-dinja; *
tara dan l-art u titriegħed.
Bħax-xama' jdubu l-muntanji quddiem il-Mulej, *
quddiem is-Sid ta' l-art kollha.

Ixandru s-smewwiet il-ġustizzja tiegħu; *
jaraw il-popli kollha s-sebħ tiegħu.
Jinfixlu dawk kollha li jqimu l-idoli, †
li jiftaħru bix-xbihat fiergħa tagħhom; *
u quddiemu jinxteħtu l-allat kollha.
Tisma' dan u tifraħ Sijon, †
jaqbżu bil-ferħ l-ibliet ta' Ġuda, *
minħabba l-ġustizzja tiegħek, Mulej.
Għax int, Mulej, inti l-Għoli, †
'il fuq mill-art kollha, *
ogħla ħafna mill-allat.

Iħobb il-Mulej lil min jobgħod il-ħażen, †
iħares il-ħajja ta' ħbiebu, *
jeħlishom minn idejn il-ħżiena.
Ifeġġ id-dawl fuq il-ġust, *
u l-hena għal qalb in-nies sewwa.
Ifirħu, ġusti, fil-Mulej, *
u faħħru l-isem qaddis tiegħu.
Glorja.

Ant. 3: Ixandru l-ġustizzja tiegħu, jaraw il-popli kollha s-sebħ tiegħu, hallelujah.

V/. Huma xandru tifħir il-Mulej u l-qawwa tiegħu.
R/. U l-għeġubijiet li għamel.

## LEZZJONI 1

Qari mill-Ewwel Ittra ta’ San Pawl Appostlu lill-Korintin 1 Kor 4:1-16

*Inkunu nixbħu lill-Appostli kif l-Appostli jixbħu lil Kristu*

Ħuti: In-nies għandhom iħarsu lejna bħala ministri ta' Kristu u amministraturi tal-misteri ta' Alla. Issa barra minn dan, l-amministraturi wieħed jistenniehom li jkunu fidili. Iżda ngħid għalija, ftit li xejn jimpurtani li nkun iġġudikat minnkom jew minn xi tribunal tal-bnedmin; anqas jiena stess ma niġġudika lili nnifsi. Tassew li jiena stess ma nħoss xejn fuq il-kuxjenza tiegħi; imma mhux b'daqshekk jien iġġustifikat; hu l-Mulej li jiġġudikani. Għalhekk tiġġudikawx qabel il-waqt sa ma jiġi l-Mulej; hu għad joħroġ għad-dawl dak li hu moħbi

fid-dlam, u jikxef il-fehmiet mistura tal-qlub. U mbagħad kull wieħed jieħu mingħand Alla t-tifħir li jkun jistħoqqlu.

Dan kollu, ħuti, għedtu għalija u għal Apollo minħabba fikom, biex minna intom titgħallmu x'jiġifieri: "Mhux aktar milli hemm miktub," ħalli ħadd minnkom ma jintefaħ b'wieħed kontra l-ieħor. Int, min hu li jagħżlek? X'għandek li ma ngħatalekx? U jekk ingħatalek, l-għala tiftaħar bħallikieku ma ngħatalek xejn? Intom ġa mxebbgħin! Intom ġa stagħnejtu! Issaltnu mingħajrna! Jalla ssaltnu ħalli nsaltnu aħna wkoll magħkom. Jiena naħseb li lilna l-Appostli Alla xeħetna għall-aħħar wara kulħadd bħallikieku telaqna għall-mewt; għax sirna spettaklu għad-dinja, għall-anġli u għall-bnedmin. Aħna boloh minħabba fi Kristu, intom għaqlin fi Kristu; aħna dgħajfa, u intom qawwija; intom nies tal-ġieħ, aħna bla ġieħ. Sa issa aħna bil-ġuħ u bil-għatx, msawwta u bla dar; jaħqruna, u nistabru; jgħidu fuqna, u nwieġbu bil-ħlewwa. Sirna qisna l-knis tad-dinja, ir-rimi ta' kulħadd sa llum.

M'iniex nikteb dan biex inħammrilkom wiċċkom, imma biex inwiddibkom, bħal uliedi għeżież. Għax jekk għandkom bl-eluf għalliema fi Kristu, ma għandkomx ħafna missirijiet; għax jiena hu li bl-Evanġelju nissiltkom fi Kristu. Bil-qawwa kollha nitlobkom: Ixbhu lili.

**RESPONSORJU** Ġw 15:15; Mt 13:11. 16

R/. Ma nsejjħilkomx aktar qaddejja, sejjaħtilkom ħbieb: * Għaliex kull ma smajt mingħand Missieri għarrafthulkom.

V/. Lilkom ingħata li tagħrfu l-misteri tas-Saltna tas-Smewwiet: henjin għajnejkom għax qegħdin jaraw: henjin widnejkom għax qegħdin jisimgħu. * Għaliex kull ma smajt mingħand Missieri għarrafthulkom.

## LEZZJONI II

Qari mill-Omiliji tal-Papa San Girgor il-Kbir fuq l-Evanġelji.

*Mulej tiegħi u Alla tiegħi*

*Wieħed mit-tnax, Tumas. Imlaqqam it-Tewmi, ma kienx magħhom meta ġie Ġesù.* Dan il-wieħed mit-Tnax kien għadu barra, u meta reġa' daħal sema' x'ġara imma ma riedx jemmen li qalulu. Il-Mulej reġa' ġie, sejjaħ lid-dixxiplu li ma riedx jemmen, tah ġenbu biex imissu, wrieh idejh u, kif ħallieh jara l-marka tal-ġrieħi tiegħu, fejjaqlu l-ġerħa tiegħu, in-nuqqas ta' fidi. X'taraw f'dan kollu, ħuti għeżież? Dak id-dixxiplu magħżul minn Kristu kien barra, ġie u sema', sema' u

ġieħ dubju, ġieħ dubju u resaq imiss, mess u emmen. Jidhrilkom li dan kollu ġara bla ħsieb?

Le, mhux bla ħsieb, imma għax Alla stess ried hekk. Fil-ħniena kbira tiegħu, Alla mexa b'mod ta' l-għaġeb għax meta lil dak id-dixxiplu, li ma emminx, riedu jmiss il-ġrieħi fil-ġisem ta' l-Imgħallem, huwa fejjaq lilna mid-deni tan-nuqqas ta' fidi. Tumas, li kien hekk tqil biex emmen, swielna ta' ġid għall-fidi tagħna aktar mid-dixxipli l-oħra li emmnu; huwa emmen għax mess b'idejh stess, u bis-saħħa ta' dan aħna wkoll nistgħu nneħħu kull dubju u nitwettqu fil-fidi. Huwa tana xhieda li Kristu qam tassew mill-imwiet sewwasew għax, billi ma emminx, resaq u mess b'idejh il-ġisem ta' Kristu.

Mess, u qal: *Mulej tiegħi u Alla tiegħi! Qallu Ġesù: Emmint għax rajtni!* Issa l-Appostlu Pawlu jgħid: *Il-fidi hija l-pedament tal-ħwejjeġ li għandna nittamaw, hija l-prova tal-ħwejjeġ li ma jidhrux.* Dawn l-kelmiet juruna ċar li l-fidi hija l-prova ta' dawk il-ħwejjeġ li ma nistgħux naraw; għax dak li naraw ma jaqax taħt il-fidi imma taħt l-għarfa. Mela għaliex qallu, *Emmint għax rajtni* lil Tumas wara li messu? Għax Tumas ra ħaġa, u emmen oħra. Ebda bniedem li jmut ma jista' jara lil Alla. Mela Tumas ra l-bniedem u emmen li hu Alla, bħalma stqarr u qal: *Mulej tiegħi u Alla tiegħi!* Ra u emmen, ħares lejn dak li kien bniedem tassew, u stqarr fih lil dak li ma setax jara, lil Alla.

Huwa ta' ferħ kbir għalina l-kliem li mbagħad qallu: *Henjin dawk li ma rawx u emmnu.* Dan il-kliem qiegħed għalina b'mod speċjali, għalina li nżommu f'moħħna lil dak li ma rajniehx b'għajnejna. Iżda qiegħed għalina sakemm nuru l-fidi tagħna bl-għemil. Għax jemmen tassew min jagħmel skond ma jemmen. Għal dawk li jemmnu bil-kliem biss, Pawlu jgħid: *Jistqarru li jagħrfu lil Alla, biex imbagħad bl-għemil tagħhom jiċħduh.* U Ġakbu jżid: *Il-fidi mingħajr l-għemil hija mejta.*

**RESPONSORJU** 1 Ġw 1:2. 1. 3a

R/. Il-ħajja wriet ruħha u aħna rajnieha u qegħdin nixhdu għaliha. Qegħdin inxandrulkom * Il-ħajja ta' dejjem li kienet għand il-Missier u li wriet ruħha lilna.
V/. Dak li aħna smajna, li rajna b'għajnejna, li lejh ħarisna u li messew idejna, jiġifieri l-kelma tal-ħajja, dan se nxandrulkom. Il-ħajja ta' dejjem li kienet għand il-Missier u li wriet ruħha lilna.

**INNU LILEK, O ALLA, INFAĦĦRU.**

Lilek, o Alla, infaħħru: * lilek b'Mulej nistqarru.
Lilek Missier ta' dejjem, * id-dinja kollha tqimek.
Lilek l-anġli kollha, *

Lilek is-smewwiet u l-qawwiet kollha tagħhom,
Lilek il-kerubini u s-serafini *
Ixandruk bla heda:

Qaddis, * Qaddis, * Qaddis *
Il-Mulej Alla ta’ l-eżerċti.
Is-smewwiet u l-art mimlija *
bil-kobor tas-sebħ tiegħek.
Lilek tfaħħar *
Il-ġemgħa glorjuża ta’ l-Appostli.
Lilek ifaħħar *
l-għadd sabiħ tal-Profeti.
Lilek ifaħħru *
il-qtajja’ tal-martri rebbieħa kollhom bjuda.
Mad-dinja kollha * il-Knisja mqaddsa tistqarr fik:
il-Missier * ta’ kobor bla qjies
l-Iben tiegħek miqjum, * veru u waħdieni
u l-Ispirtu s-Santu, * id-Difensur

Kristu, * inti s-Sultan glorjuż.
Inti minn dejjem * Bin il-Missier.
Int, biex teħles lill-bniedem, *
ma stmerrejtx tinżel f’ġuf ta’ Verġni.
Int ħriġt rebbieħ fuq is-setgħa tal-mewt, *
u ftaħt is-saltna tas-smewwiet għal min jemmen.
Int qiegħed fil-leminija ta’ Alla, *
fis-sebħ tal-Missier.
Aħna nemmnu *
li int għad terġa’ tiġi bħala mħallef.
Nitolbuk għalhekk li tgħin lill-qaddejja tiegħek, *
li int fdejt b’demmek il-għażiż.
Agħmel li nissieħbu mal-qaddisin tiegħek *
fil-glorja ta’ dejjem.

Salva lill-poplu tiegħek, Mulej, *
bierek lill-wirt tiegħek.
Kun ir-ragħaj tagħhom, *
erfagħhom għal dejjem.
Minn jum għall-ieħor * aħna nberkuk;
u nfaħħru ismek għal dejjem, *

u għal dejjem ta’ dejjem.
Agħmel, Mulej, li llum *
inħarsu ruħna minn kull dnub.
Ħenn għalina, Mulej, * ħenn għalina.
Ħa tkun fuqna, Mulej, it-tjieba tiegħek, *
kif fik hi t-tama tagħna.
Fik, Mulej, jien nistkenn: *
ma jkolli qatt għax ninfixel.

## TALBA

Agħtina, o Alla li tista’ kollox, li nifirħu bil-festa ta’ l-appostlu San Tumas, u li, bl-għajnuna tat-talb tiegħu, nissaħħu dejjem iżjed fil-fidi biex ikollna l-ħajja fl-Isem ta’ dak li hu għarfu b’Mulej, Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li miegħek jgħix u jsaltan flimkien ma’ l-Ispirtu s-Santu, Alla, għal dejjem ta’ dejjem. Ammen.

Inbierku l-Mulej.
R/. Inroddu ħajr lil Alla.

## IT-TIFĦIR TA’ SBIĦ IL-JUM

V/. O Alla, ejja eħlisni.
R/. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

### INNU

Int li tiddi b’dawl mill-aqwa
fost il-ġemgħa ta’ l-appostli,
nitolbuk, Tumas, biex tilqa’
kollok tjieba t-tifħir tagħna.

Għall-imħabba li wriek Kristu,
meta riedek mal-magħżula,
int weġibt li kont imħejji
tagħti ħajtek għall-Imgħallem.

Hekk kif smajt il-bxara l-kbira
minn fomm l-aħwa, qalbek tħawwdet;
biex tkun ċert, ridt tqiegħed idek
fuq il-pjagi u l-ġenb ta’ Kristu.

Ferħet qalbek meta daħal
kollu ħniena w ħalliek tmissu;
dlonk stqarrejtu b’Mulej Alla,
b’qima safja w fidi mħeġġa.

Inti b’hekk wettaqt fil-fidi
lilna wkoll, li le ma rajna,
u ħeġġiġtna biex fl-imħabba
ta’ Ġesù bla heda nikbru.

Lill-Feddej ħanin kull glorja:
hu, bis-saħħa tat-talb tiegħek,
imexxina lejh bil-fidi,
ħa narawh fis-saltna mbierka. Ammen.

## SALMODIJA

Ant. 1: Tumas qal: Mulej, aħna ma nafux fejn inti sejjer, kif nistgħu nafu t-triq? Wieġbu Ġesù: Jiena hu t-triq, il-verità u l-ħajja.

### Salm 62 (63), 2-9

Alla, Alla tiegħi int; *
lilek ħerqan infittex.
Ruħi bil-għatx għalik, †
għalik imxennaq jiena, *
bħal art niexfa, maħruqa, bla ilma.
Għalhekk ġejt narak fit-tempju mqaddes tiegħek, *
biex nitgħaxxaq bis-setgħa u l-glorja tiegħek.
Għax it-tjieba tiegħek aħjar mill-ħajja, *
xufftejja jxandru t-tifħir tiegħek.

Għalhekk inbierkek tul ħajti kollha; *
ngħolli jdejja u nsejjaħ ismek.
Bħal b'ikel mill-aħjar li jsemmen nimtela, *
u jgħannilek fommi b'xufftejn ferrieħa,
meta, mimdud fuq friexi, fik niftakar, *
u naħseb fuqek fis-sahriet tal-lejl.
Għax int kont għajnuna għalija, *
għad-dell ta' ġwenħajk ngħanni bil-ferħ.
Miegħek tingħaqad ruħi, *
int tweżinni bil-leminija tiegħek.

Ant. 1: Tumas qal: Mulej, aħna ma nafux fejn inti sejjer, kif nistgħu nafu t-triq? Wieġbu Ġesù: Jiena hu t-triq, il-verità u l-ħajja.
Ant. 2: Tumas, jgħidulu t-Tewmi, ma kienx magħhom meta ġie Ġesù. Għalhekk id-dixxipli l-oħra qalulu. Rajna l-Mulej, hallelujah.

### Kantiku (Dan 3,57-88.56)

Bierku, għemejjel kollha tal-Mulej, il-Mulej, *
faħħruh u għolluh għal dejjem.
Bierku, anġli tal-Mulej, il-Mulej; *
bierku, smewwiet, il-Mulej.
Bierku, ilmijiet kollha ta' fuq is-sema, il-Mulej; *

bierku, setgħat kollha, il-Mulej.
Bierku, xemx u qamar, il-Mulej; *
bierku, kwiekeb tas-sema, il-Mulej.

Bierku, xita u nida kollha, il-Mulej; *
bierku, irjieħ kollha, il-Mulej.
Bierku, nar u sħana, il-Mulej; *
bierku, bard u ksieħ, il-Mulej.
Bierku, nida u borra, il-Mulej; *
bierku, silġ u bard, il-Mulej.
Bierku, ġlata u silġ, il-Mulej; *
bierku, iljieli u ġranet, il-Mulej.
Bierku, dawl u dlam, il-Mulej; *
bierku, beraq u sħab, il-Mulej.

Ħa tbierek l-art il-Mulej, *
ħa tfaħħru u tgħollih għal dejjem.
Bierku, muntanji u għoljiet, il-Mulej; *
bierku, kull ma jinbet fl-art, il-Mulej.
Bierku, għejun, il-Mulej; *
bierku, ibħra u xmajjar, il-Mulej.
Bierku, ħut kbir u kull ma jżiġġ fl-ilma, il-Mulej; *
bierku, tjur kollha ta' l-ajru, il-Mulej.
Bierku, bhejjem u mrieħel kollha, il-Mulej; *
bierku, ulied il-bnedmin, il-Mulej.

Bierek, Iżrael, il-Mulej, *
faħħruh u għolluh għal dejjem.
Bierku, qassisin tal-Mulej, il-Mulej; *
bierku qaddejja tal-Mulej, il-Mulej.
Bierku, spirti u rwieħ tal-ġusti, il-Mulej; *
bierku, qaddisin u intom ta' qalb umli, il-Mulej.
Bierku, Ħananija, Għażarija u Misael, il-Mulej, *
faħħruh u għolluh għal dejjem.
Inbierku l-Missier u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu; *
infaħħruh u ngħolluh għal dejjem.
Imbierek int, Mulej, fil-wisa' kollu tas-sema, *
ta' min jgħollik u jsebbħek fuq kollox għal dejjem.

Fl-aħħar ta' dan il-kantiku l-**Glorja** ma tingħadx.

Ant. 2: Tumas, jgħidulu t-Tewmi, ma kienx magħhom meta ġie Ġesù. Għalhekk id-dixxipli l-oħra qalulu. Rajna l-Mulej, hallelujah.
Ant. 3: Midd idek, u ara l-marka ta' l-imsiemer: tkunx bniedem bla fidi, iżda emmen, hallelujah.

## Salm 149

Għannu lill-Mulej għanja ġdida: *
fil-ġemgħa ta' ħbiebu t-tifħir tiegħu
Ħa jifraħ Iżrael bil-Ħallieq tiegħu, *
u jithennew ulied Sijon bis-sultan tagħhom
Ħa jfaħħru biż-żfin l-isem tiegħu, *
bid-daqq tat-tanbur u taċ-ċetra!
Għax il-Mulej jitgħaxxaq bil-poplu tiegħu, *
u jsebbaħ lill-fqajrin bir-rebħa.

Bil-glorja jithennew ħbiebu, *
u jaqbżu bil-ferħ fuq friexhom!
It-tifħir ta' Alla jkun fuq fommhom, *
u sjuf b'żewġt ixfar f'idejhom,
biex jistgħu jitħallsu mill-ġnus, *
u jagħtu l-kastig lill-popli,
jorbtu bil-ktajjen is-slaten tagħhom, *
bi rbit tal-ħadid il-kbarat tagħhom,
jagħmlu minnhom il-ħaqq miktub għalihom: *
dan hu ġieħ għall-ħbieb tiegħu kollha.
Glorja.

Ant. 3: Midd idek, u ara l-marka ta' l-imsiemer: tkunx bniedem bla fidi, iżda emmen, hallelujah.

## LEZZJONI QASIRA Ef 2:19-22

Ma għadkomx aktar barranin u għorba imma intom ċittadini flimkien mal-qaddisin u nies tad-dar ta' Alla, mibnija lkoll fuq is-sisien ta' l-appostli u tal-profeti, fejn Kristu hu l-ġebla tax-xewka. Fih il-bini kollu marbut sewwa, jitla f'tempju qaddis fil-Mulej; fih intom ukoll, fl-Ispirtu tinbnew f'dar fejn jgħammar Alla.

## RESPONSORJU QASIR

R/. Int tqegħedhom kapijiet * fuq l-art kollha. Int.
V/. Ifakkru l-isem tiegħek, Mulej. * Fuq l-art kollha. Glorja. Int.

Ant. tal-kantiku ta' Żakkarija:
Tumas, emmint għax rajtni! Henjin dawk li ma rawx u emmnu, hallelujah.

Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, *
għaliex ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu,
u waqqaf għalina qawwa ta' salvazzjoni *
f'dar David, qaddej tiegħu,
bħalma kien wiegħed fl-imgħoddi *
b'fomm il-profeti qaddisin tiegħu,
biex isalvana mill-għedewwa tagħna *
u minn idejn dawk kollha li jobogħduna.
B'hekk juri ħniena ma' missirijietna, *
u jiftakar fil-patt qaddis tiegħu,
fil-ħalfa li ħalef lil Abraham missierna, *
li jagħtina
li, meħlusin minn idejn l-għedewwa tagħna, *
naqduh bla biża'
tul ħajjitna kollha, *
bil-ġustizzja u l-qdusija quddiemu.
U inti, tfajjel, tissejjaħ profeta ta' l-Għoli; *
għax tmur qabel il-Mulej biex tħejjilu triqatu,
biex tgħarraf lill-poplu tiegħu bis-salvazzjoni, *
bil-maħfra ta' dnubiethom,
ħierġa mill-qalb ħanina ta' Alla tagħna, *
li jibagħtilna mill-għoli ż-żjara tax-Xemx tielgħa,
ħa jdawwal lil dawk li jinsabu
fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, *
ħa jmexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem.
Glorja lill-Missier, u lill-Iben, *
u lill-Ispirtu s-Santu,
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, *
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. **Ammen.**

Ant. tal-kantiku ta' Żakkarija:

Tumas, emmint għax rajtni! Henjin dawk li ma rawx u emmnu, hallelujah.

**PREĊI**

Ħuti għeżież, bil-ħidma ta' l-Appostli sirna werrieta tas-sema. Inroddu ħajr lil Alla għall-ġid kollu li tana, u ngħidulu:

*Lilek tfaħħar, Mulej, il-ġemgħa ta' l-Appostli.*

Infaħħruk, Mulej, għax permezz ta' l-Appostli għaddejt lilna l-mejda tal-Ġisem u d-Demm tiegħek,
- li bihom tgħajjixna u ssaħħaħna.
*Lilek tfaħħar, Mulej, il-ġemgħa ta' l-Appostli.*
Infaħħruk, Mulej, għax l-Appostli ħejjew għalina l-mejda tal-kelma tiegħek.
- li biha nimtlew bid-dawl u l-ferħ.
*Lilek tfaħħar, Mulej, il-ġemgħa ta' l-Appostli.*
Infaħħruk, Mulej, għax fuq l-Appostli bnejt il-Knisja qaddisa tiegħek.
- li fiha lkoll ningħaqdu f'ġisem wieħed.
*Lilek tfaħħar, Mulej, il-ġemgħa ta' l-Appostli.*
Infaħħruk, Mulej, għax bl-Appostli tajtna l-ħasil tal-Magħmudija u l-indiema,
- li bih nitnaddfu minn dnubietna kollha.
*Lilek tfaħħar, Mulej, il-ġemgħa ta' l-Appostli.*

**Missierna**

**Talba**

Agħtina, o Alla li tista' kollox, li nifirħu bil-festa ta' l-appostlu San Tumas, u li, bl-għajnuna tat-talb tiegħu, nissaħħu dejjem iżjed fil-fidi biex ikollna l-ħajja fl-Isem ta' dak li hu għarfu b'Mulej, Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li miegħek jgħix u jsaltan flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, Alla, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**Għeluq**

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.
**Ammen.**

## IT-TALB TA' NOFS IL-JUM

V/. O Alla, ejja eħlisni.
R/. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

**Fid-Disgħa ta' filgħodu**

### INNU

Spirtu s-Santu, li int Alla
wieħed mal-Missier u l-Iben,
ejja xxerred ġewwa fina,
ħalli bik ilkoll timliena.

Bi kliem fommna, b'qalbna w ruħna,
nerfgħu lejk it-tifħir tagħna;
int kebbisna b'nar imħabbtek,
u nxerduh fl-oħrajn madwarna.

Kun id-dawl li jtina l-għarfa
tal-Missier u l-Iben tiegħu:
żomm qawwija l-fidi tagħna
fik, l-Ispirtu li ġej minnhom. Ammen.

Ant. Morru, xandru l-bxara t-tajba tas-Saltna: b'xejn ħadtu, b'xejn agħtu.

**F'Nofsinhar**

### INNU

Mexxej qawwi, Alla veru,
Inti kollox tqassam sewwa:
jisbaħ jum, tagħnih bid-dija;
f'nofsu żżejnu b'dawl iħaġġeġ.

Iżda itfi l-għadab fina,
taffi s-sħana ta' kull deni,
agħti s-saħħa 'l min hu dgħajjef,
ġib is-sliem tassew fi qlubna.

Isma’ talbna, Missier twajjeb,
w int, Waħdieni tiegħu u daqsu,
li ta’ dejjem hi saltnatkom
ma’ l-Ispirtu Faraġ tagħna. Ammen.

Ant. Ara, jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien.

**Fit-Tlieta ta’ wara nofsinhar**

**INNU**

Alla, int, li fik innifsek
m’hemmx tibdil lill-ħlejjaq trieġi:
lil kull siegħa tal-ġurnata
tqis id-dawl li jkun imissha.

Ibagħtilna lejla tajba,
fejn il-ħajja qatt ma tonqos,
imma tersaq lejn il-glorja,
li tkun ħlas ta’ mewt qaddisa.

Isma’ talbna, Missier twajjeb,
w int, Waħdieni tiegħu u daqsu,
li ta’ dejjem hi saltnatkom
ma’ l-Ispirtu Faraġ tagħna. Ammen.

Ant. Jekk tibqgħu sħaħ sa l-aħħar tiksbu rwieħkom.

*Salmodija tal-ġimgħa li jmiss ...*

**Fid-Disgħa ta’ filgħodu**

Ant. Morru, xandru l-bxara t-tajba tas-Saltna: b’xejn ħadtu, b’xejn agħtu.

**LEZZJONI QASIRA** 2 Kor 5:19b-20

Alla fdalna l-messaġġ tal-ħbiberija tagħna miegħu. Mela aħna ambaxxaturi ta’ Kristu, bħallikieku Alla stess qiegħed ikellimkom permezz tagħna. Nitlobkom f’isem Kristu: agħmlu ħbieb ma’ Alla.

V/. Ma’ l-art kollha jasal leħinhom.
R/. Mad-dinja kollha jinxtered kliemhom.

**F’Nofsinhar**

Ant. Ara, jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien.

**LEZZJONI QASIRA** Atti 5:12a. 14

Bis-saħħa ta’ l-appostli kienu qegħdin isiru ħafna mirakli u għeġubijiet kbar fost il-poplu. L-għadd ta’ dawk li kienu jemmnu fil-Mulej, sew irġiel sew nisa, kien dejjem jiżdied u joktor.

V/. Huma ħarsu l-preċetti ta’ Alla.
R/. U l-kmandamenti tiegħu.

**Fit-Tlieta ta’ wara nofsinhar**

Ant. Jekk tibqgħu sħaħ sa l-aħħar tiksbu rwieħkom.

**LEZZJONI QASIRA** Atti 5:41-42

L-appostli ħarġu minn quddiem is-Sanhedrin, ferħana talli ġew meqjusa bħala nies li jistħoqqilhom ikunu mmaqdra minħabba fl-Isem. U kuljum fit-tempju u fi djarhom, ma kinux jehdew jgħallmu u jxandru l-Bxara t-tajba li Ġesù huwa l-Kristu.

V/. Ifirħu u ithennew.
**R/.** Għax ismijietkom miktuba is-smewwiet.

## Talba

Agħtina, o Alla li tista’ kollox, li nifirħu bil-festa ta’ l-appostlu San Tumas, u li, bl-għajnuna tat-talb tiegħu, nissaħħu dejjem iżjed fil-fidi biex ikollna l-ħajja fl-Isem ta’ dak li hu għarfu b’Mulej, Ibnek Ġesù Kristu Sidna. Ammen.

Inbierku l-Mulej
R/. Inroddu ħajr lil Alla.

## IT-II GĦASAR

V/. O Alla, ejja eħlisni.
R/. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

## INNU

Fis-smewwiet il-għana jidwi,
taqbeż l-art bil-ferħ mimlija;
f'dan il-jum ta' festa l-Knisja
tweġġaħ bit-tifħir l-Appostli.

Intom, l-imħallfin tad-dinja,
li dawwaltu l-art b'tagħlimkom:
b'qalbna kollha nduru lejkom,
agħtu widen għat-talb tagħna.

B'kelma tagħkom tħollu w torbtu,
bħalma fl-art, ukoll fis-sema;
fi tjubitkom, ħollu lilna
minn kull rabta ta' dnubietna.

B'ordni tagħkom terġa s-saħħa
bil-fejqan tal-morda kollha;
fejjqu wkoll il-mard ta' ruħna,
roddu l-qawwa fejn hu dgħajjef.

Biex kif fl-aħħar Kristu Mħallef
jiġi jagħmel ħaqq mid-dinja,
isejjħilna ħdejh biex miegħu
niksbu l-wirt fil-ferħ tas-saltna.

B'wiċċna fl-art insebbħu 'l Alla,
għaliex bikom iwasslilna
it-tagħlim ta' l-Evanġelju
fit-triq tagħna lejn is-sema. Ammen.

## SALMODIJA

Ant. 1: Tumas qal: Mulej, aħna ma nafux fejn inti sejjer; kif nistgħu nafu t-triq? Wieġbu Ġesù: Jiena hu t-triq, il-verità u l-ħajja.

### Salm 115 (116B)

Bqajt nemmen, mqar meta għedt: *
"Jiena mdejjaq ħafna!"
Jien għedt fin-niket tiegħi: *
"Qarrieq hu kull bniedem."

Xi nrodd lill-Mulej *
għall-ġid kollu li għamel miegħi?
Ngħolli l-kalċi tas-salvazzjoni, *
u isem il-Mulej insejjaħ.
Intemm lill-Mulej il-wegħdiet tiegħi *
quddiem il-poplu tiegħu kollu.
Għażiża f'għajnejn il-Mulej *
hi l-mewt tal-ħbieb tiegħu.

Iva, Mulej, jien qaddej tiegħek, *
jien qaddej tiegħek, bin il-qaddejja tiegħek.
Int ħallejtli l-irbit tiegħi. †
Lilek noffri sagrifiċċju ta' radd il-ħajr, *
u isem il-Mulej insejjaħ.

Intemm lill-Mulej il-wegħdiet tiegħi, *
quddiem il-poplu tiegħu kollu,
fil-btieħi ta' dar il-Mulej, *
ġo nofsok, Ġerusalemm!
Glorja.

Ant. 1: Tumas qal: Mulej, aħna ma nafux fejn inti sejjer; kif nistgħu nafu t-triq? Wieġbu Ġesù: Jiena hu t-triq, il-verità u l-ħajja.
Ant. 2: Tumas, jgħidulu t-Tewmi, ma kienx magħhom meta ġie Ġesù. Għalhekk id-dixxipli l-oħra qalulu. Rajna l-Mulej, hallelujah

## Salm 125 (126)

Meta l-Mulej reġġa' lura l-imjassra ta' Sijon, *
konna qisna mitlufa f'ħolma;
mbagħad bid-daħk imtela fommna, *
u bl-għajat ta' ferħ ilsienna.

Mbagħad bdew jgħidu fost il-ġnus: *
"Kbir f'għemilu l-Mulej magħhom!"
Kbir f'għemilu l-Mulej magħna! *
U aħna bil-ferħ imtlejna.

Biddel, Mulej, xortina, *
bħall-widien tan-Negeb!
Dawk li jiżirgħu fid-dmugħ *
jaħsdu bl-għana ta' ferħ.

Huma u sejrin, imorru jibku, *
iġorru ż-żerriegħa għaż-żrigħ.
Iżda huma u ġejjin lura, jiġu b'għana ta' ferħ, *
iġorru l-qatet f'idejhom.
Glorja.

Ant. 2: Tumas, jgħidulu t-Tewmi, ma kienx magħhom meta ġie Ġesù. Għalhekk id-dixxipli l-oħra qalulu. Rajna l-Mulej, hallelujah
Ant. 3: Midd idek, u ara l-marka ta' l-imsiemer: tkunx bniedem bla fidi, iżda emmen, hallelujah.

## Kantiku Ef 1:3-10

Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, *
li mliena b'kull xorta ta' barka spiritwali,
fis-smewwiet fi Kristu.
Hekk hu għażilna fih, †
sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja, *
biex inkunu qaddisa u bla tebgħa
quddiemu fl-imħabba;
iddestinana li nkunu għalih ulied adottivi †
permezz ta' Ġesù Kristu, *
skond ma għoġob lir-rieda tiegħu,

għat-tifħir tal-glorja tal-grazzja tiegħu, *
li biha mliena fl-Għażiż tiegħu.
Fih aħna għandna l-fidwa bid-demm tiegħu, *
il-maħfra tad-dnubiet,
skond l-għana tal-grazzja tiegħu, *
li biha fawwarna fl-għerf u l-għaqal kollu:

hu għarrafna l-misteru tar-rieda tiegħu, †
skond il-pjan li għoġbu jfassal fih minn qabel, *
u li kellu jseħħ meta tasal il-milja taż-żminijiet:

jiġifieri, li kollox jinġabar taħt Ras waħda, li hu Kristu, *
kull ma hu fl-art u kull ma hu fis-sema.
Glorja.

Ant. 3: Midd idek, u ara l-marka ta' l-imsiemer: tkunx bniedem bla fidi, iżda emmen, hallelujah.

## LEZZJONI QASIRA Ef 4:11-13

Kristu ta lil xi wħud li jkunu appostli, lil xi wħud profeti, lil xi wħud evanġelisti, lil xi wħud rgħajja u mgħallmin, ħalli b'hekk jitrawwmu l-qaddisin għax-xogħol tal-ħidma tagħhom għall-bini tal-ġisem ta' Kristu, sakemm aħna lkoll naslu biex insiru wieħed fil-fidi u fl-għarfa ta' l-Iben ta' Alla. Insiru Raġel magħmul, fl-aħjar ta' żmienu. U hekk isseħħ il-milja ta' Kristu.

## RESPONSORJU QASIR

R/. Xandru fost il-ġnus * is-sebħ tal-Mulej. Xandru.
V/. Fost il-popli kollha l-għeġubijiet tiegħu. * Is-sebħ tal-Mulej. Glorja. Xandru.

Ant. tal-kantiku ta' Marija:
Jien ressaqt sebgħi fuq il-marka ta' l-imsiemer u idi fuq ġenbu, u għedt: Mulej tiegħi u Alla tiegħi, hallelujah.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *

Iva, minn issa ‘l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.

Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f’kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta’ driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f’qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b’kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom ‘il barra b’xejn.
Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu, *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
- bħalma wiegħed lil missirijietna - *
b’riżq Abraham u nislu għal dejjem.
Glorja.

Ant. tal-kantiku ta’ Marija:
Jien ressaqt sebgħi fuq il-marka ta’ l-imsiemer u idi fuq ġenbu, u għedt: Mulej tiegħi u Alla tiegħi, hallelujah.

**PREĊI**

Ħuti għeżież, aħna, li nbnejna fuq is-sisien ta’ l-Appostli, nitolbu lil Alla, il-Missier li jista’ kollox, għall-poplu qaddis tiegħu, u ngħidulu:
*Mulej, ftakar fil-Knisja tiegħek.*
Missier, int ridt li Ibnek iqum mill-imwiet u jidher l-ewwel lill-Appostli:
- agħmel li aħna nwasslu l-Evanġelju lill-ħlejjaq kollha.
Int bgħatt lil Ibnek fid-dinja biex ixandar il-bxara t-tajba lill-fqar:
- agħmel li aħna nwasslu l-Evanġelju lill-ħlejjaq kollha.
Inti bgħattilna lil Ibnek biex jiżra fina l-kelma tiegħek:
- agħtina li, wara t-taħbit tagħna biex niżirgħu l-kelma, niġbru l-frott tagħha bil-ferħ.
Int bgħatt lil Ibnek biex b’demmu jerġa’ jħabbeb lid-dinja miegħek:
- għinna biex naħdmu lkoll id f’id għal din il-ħbiberija.
Int qegħidt lil Ibnek fil-lemin tiegħek fis-sema:
- daħħal lil ħutna l-mejtin fl-hena tas-saltna tiegħek.

**Missierna**

## Talba

Agħtina, o Alla li tista' kollox, li nifirħu bil-festa ta' l-appostlu San Tumas, u li, bl-għajnuna tat-talb tiegħu, nissaħħu dejjem iżjed fil-fidi biex ikollna l-ħajja fl-Isem ta' dak li hu għarfu b'Mulej, Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li miegħek jgħix u jsaltan flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, Alla, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Għeluq

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem. **Ammen.**